MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 368/2007/1

**Perit Renato La Ferla**

**vs**

**Anthony u Grace Pavia**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' Dicembru, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti provvediment fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra illi waqt is-seduta tas-26 ta' Gunju 2007 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti li ma kienux prezenti meta ssejhet il-kawza, liema kawza giet differita ghall-11 ta' Lulju 2007.

> Ra illi fis-seduta tal-11 ta’ Lulju 2007, meta ssejhet il-kawza dehru biss il-konvenuti assistiti mid-difensur taghhom u talbu li jinghataw zmien sabiex jipprezentaw ir-risposta taghhom peress illi xtaqu jikkontestaw il-kawza kontra taghhom.
>
> Ra illi waqt din l-istess seduta la l-attur u lanqas id-difensur tieghu ma dehru.
>
> Ghalhekk in vista tas-suespost huwa car illi ma jiskattawx id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 13 (b) ta’ l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) u tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u ghalhekk l-eccezzjonijiet kontenuti fir-risposta tal-konvenuti ghandhom jigu trattati u decizi skond il-ligi.”

L-attur appella mill-provvediment moghti mit-Tribunal bl-argoment illi l-konvenuti ma hadux il-gurament ghall-kapitolu minnu pprezentat;

Jixraq l-ewwelnett illi jigi nkwadrat l-*iter* kronologiku quddiem it-Tribunal li wassal ghall-provvediment impunjat bl-appell:-

(1) Fl-ewwel udjenza tas-26 ta’ Gunju 2007 l-konvenuti ma dehrux u l-attur ghadda biex jipprezenta kapitolu;

(2) Fil-11 ta’ Lulju 2007 dehru l-konvenuti assistiti mill-Avukat taghhom li talbu li jipprezentaw ir-risposta taghhom. Il-kawza giet differita ghall-provi ghat-12 ta’ Ottubru, 2007;

(3) F’ din l-udjenza l-ahhar imsemmija l-avukat difensur ta’ l-attur irrileva illi l-konvenuti ma ttellghux jixhdu biex iwiegbu ghall-kapitolu. Minn naha tal-konvenuti l-konsulent legali taghhom spjegat fis-seduta tal-11 ta’ Lulju 2007 li huma ma kienux debituri. Il-kawza giet differita

ghall-provvediment ghall-4 ta’ Dicembru 2007, kif hekk fil-fatt sar;

Indipendentement ghall-mument mill-kwestjoni tal-kapitolu, mill-interpretazzjoni ta’ l-Artikolu 13 ta’ l-Att V ta’ l-1995 johrog illi “l-attendenza fizika ghas-smigh tal-kawza hija essenzjali” (“**Emanuel Caruana *nomine* -vs- Elaine Cachia**”, Appell Inferjuri, 22 ta’ Novembru, 1996). Dan japplika ghaz-zewg partijiet. Fil-presenza ta’ kapitolu l-esigenza ta’ l-attendenza mill-konvenuti hi aktar qawwija. Dan hu sew inferit mis-subinciz (3) ta’ l-Artikolu 702 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Naturalment, kif ulterjorment prevvist mill-Artikolu 703 tal-Kapitolu 12 “il-parti li lilha tinghata s-subizzjoni ghandha twiegeb skond il-kapitoli”. Huwa proprju ghal dan id-dispost tal-ligi li l-appellanti jirrikorri;

Il-Qorti jidhrilha li ghandha qabel xejn taghmel dawn il-premessi:-

(1) Il-kapitolu ma huwiex ammissibbli *d’ officio* izda hu mholli fid-disponibilita` tal-parti. Dan hu indott kemm fl-Artikolu 698 (1) kif ukoll mill-Artikolu 702 (1) tal-Kapitolu 12;

(2) L-approvazzjoni tal-kapitolu minn qorti jew minn tribunal mhijiex ta’ ostakolu li jigi valutat l-effett veru tas-subizzjoni. Dan ghaliex dik l-approvazzjoni, kif wiehed jista’ jifhem mid-dispost tat-tieni subartikolu ta’ l-Artikolu 700, hi pjuttost mill-aspett procedurali. Ara “**Carmelo Brincat -vs- Emmanuele Stivala**”, Appell Inferjuri, 26 ta’ Novembru, 1960;

(3) L-apprezzament fuq il-pertinenza ta’ l-interrogatorju kostitwit bil-kapitolu jikkostitwixxi valutazzjoni ta’ natura diskrezzjonali, rizervata lill-gudikant fil-mertu;

(4) L-attendenza tal-partijiet tikkostitwixxi wkoll fatt processwali;

Fuq l-istregwa ta’ dawn il-premessi u l-aktar dak ta’ l-esposizzjoni tal-perkors kronologiku, qed isiru dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Il-konvenuti dehru biex jikkontestaw il-kapitolu. Oltre din il-presenza fizika kien hemm ir-raguni konkomitanti li huma kellhom difizi x’ iressqu. Certament, it-Tribunal irraguna illi dik il-presenza u l-ispjegazzjoni lilu fornita ma setghetx tinducih biex jirritjeni bhala ammess il-fatt formanti oggett ta’ l-interrogatorju;

(2) Kif jirrizulta, l-udjenza fissata ghal dan l-interrogatorju giet rinvijata ghall-udjenza immedjatament successiva, izda f’ din l-ahhar udjenza la l-attur u lanqas id-difensur tieghu ma attendew;

(3) Trattandosi minn attivita` processwali personali, specjalment fit-termini ta’ l-Artikolu 13 ta’ l-Att, l-attur kien messu f’ dik l-udjenza pprezenta ruhu. Jekk xejn, biex juri u jinsisti li hu ried jikkonsegwixxi l-iskop tendenti ghall-konfessjoni tal-konvenuti b’ dak il-kapitolu tieghu;

(4) Evidentement, it-Tribunal ikkonsidra din l-imgieba negattiva processwali ta’ l-attur, akkoppjata mas-sottomissjonijiet li sarulu mill-konvenuti fil-kors ta’ l-udjenza, biex ikkonvinca ruhu illi ma setghet tingibed ebda riflessjoni sfavorevoli ghall-konvenuti ghall-fatt biss tal-prezentata ta’ dak il-kapitolu;

(5) Fil-fehma konsiderata tal-Qorti b’ dawn il-fatti, il-provvediment moghti mit-Tribunal ma huwiex soggett ghac-censura minn din il-Qorti ghaliex dan jinsab sorrett minn motivazzjoni u ezenti minn vizzji logici u guridici. Mhux il-kaz allura li l-Qorti, kif mitlub, tirrevoka l-provvediment moghti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma il-provvediment moghti, bl-ispejjez kontra l-

appellanti. Tirrimanda l-atti lura lit-Tribunal ghall-konsiderazzjoni u decizjoni minnu tal-mertu tat-talba u ta' l-eccezzjoni ghaliha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------